Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2005, ABNA *et* (C-453/03, C-11/04, C-12/04 u C-194/04) ma ħolqotx sitwazzjoni ta' lakuna ġuridika jew ta' inkoerenza li tobbliga lill-istituzzjonijiet jadottaw emendi sostantivi tad-Direttiva 2002/2.

Fi kwalunkwe każ, l-invalidità ta' dispożizzjoni Komunitarja tirriżulta direttament mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li qed tikkonstataha u huma l-awtoritajiet kif ukoll il-qrati ta' l-Istati Membri li għandhom jistabbilixxu l-konsegwenzi tagħha fis-sistemi legali nazzjonali tagħhom.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-8 ta' Novembru 2007 — Il-Kummissjoni vs Il-Belġju

(Kawża C-3/07)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2003/110/KE — Għajnuna f'każijiet ta' tranżitu — Miżuri ta' tkeċċija bl-ajru — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst"

1. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Suġġett tal-kawża — Insuffiċjenza tat-traspożizzjoni ta' direttiva mingħajr azzjoni leġiżlattiva (Artikolu 226 KE; Direttiva tal-Kunsill 2003/110, Artikolu 5(2)) (ara l-punti 6, 7)*

2. *Atti ta' l-istituzzjonijiet — Direttivi — Eżekuzzjoni mill-Istati Membri (It-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 249 KE) (ara l-punt 11)*

3. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Eżami tal-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed in kunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu previst mill-opinjoni motivata (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 13)*

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas ta' adozzjoni, fit-terminu previst, tad-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Kunsill 2003/110/KE, tal-25 ta' Novembru 2003, fuq l-għajnuna f'każijiet ta' transitu għal raġunijiet ta' tneħħija [tkeċċija] bl-ajru (ĠU L 321, p. 26).

Dispożittiv

1) Billi ma adottax, fit-terminu previst, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi kollha neċessarji sabiex jikkonforma mad-Direttiva tal-Kunsill 2003/110/KE, tal-25 ta' Novembru 2003, fuq l-għajnuna f'każijiet ta' transitu għal raġunijiet ta' tneħħija [tkeċċija] bl-ajru, bl-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 5(2) ta' din id-direttiva, ir-Renju tal-Belġju naqas mill-obbligi tiegħu taħt din id-direttiva.

2) Ir-rikors huwa miċħud għal dak li jirrigwarda n-nuqqas ta' traspożizzjoni ta' l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2003/110.

3) Ir-Renju tal-Belġju huwa kkundannat għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-8 ta' Novembru 2007 — Il-Kummissjoni vs L-Italja

(Kawża C-40/07)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2001/42/KE — Evalwazzjoni ta' l-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst"